MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 159/2006

**Public Broadcasting Services Limited**

**vs**

**Lighthouse Communications Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' l-ammont komplessiv ta' elf, seba' mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tletin centezmu, (LM1,758.33,0), rapprezentanti bilanc fuq somma akbar dovuta bhala drittijiet ghal servizzi ta' reklamar rezi fuq il-mezzi taghha tax-xandir;**
**Bl-ispejjez ta' din il-procedura, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 12 ta' Dicembru tas-sena 2005 u bl-**

**interessi legali dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-4 ta' Ottubru tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------